MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 310/2011

Kawza fil-lista: 27

**VY**
**vs**
**CX, VX**
**u Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta: li hu kien mizzewweg lill-konvenuta CX, izda z-zwieg taghhom gie annullat fit-13 t’April 2011; li waqt iz-zwieg twieldet il-konvenuta VX; li l-attur skopra li din, ghalkemm registrata bhala bintu, mhijiex il-wild naturali tieghu; li hu ottjena d-debita awtorizzazzjoni sabiex iressaq l-istanza odjerna; ghalhekk qed jitlob li din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi l-attur m'huwiex il-missier naturali u bijologiku ta' VX, illum maggorenni, u dana anke permezz tal-hatra ta' perit nominandi.

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega fl-Att tat-Twelid bin-Numru 3344 tas-sena 1991 hawn anness u dana billi fil-hames kolonna tal-istess Att titnehha l-frazi 'VY (Mosta Malta)';

3. Tordna lill-istess konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku halli johrog att tat-twelid iehor hekk kif korrett.

Rat ir-risposta guramentata li biha d-Direttur tar-Registru Pubbliku, wara li ssolleva punt procedurali li eventwalment gie sorvolat fil-mori tal-kawza, irrefera ghall-artikolu 70[3] tal-Kap.16;

Rat il-verbal maghmul mill-konvenuta CX fl-udjenza tal-25 ta' Jannar 2012 li permezz tieghu ddikjarat li hi "taderixxi mat-talbiet tal-attur u tammetti li t-tifla VX mhijiex il-wild ta' l-attur."[1]

Rat li l-konvenuta VX ghazlet li tibqa' kontumaci;

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern;

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA prezentat u mahluf mill-Analista Christopher Farrugia u mill-Ispizjara Dottor Marisa Cassar;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li l-konvenuta VX li twieldet mill-konvenuta CX fil-25 ta' Gunju 1991 mhijiex il-

[1] Fol.20

wild naturali tieghu; u li din il-Qorti tordna d-debita korrezzjoni fl-att tat-twlied tat-tifla, bin-numru 3344/91.

Illi jirrizulta pacifiku li lejn l-ahhar taz-zwieg, il-konvenuta CX kienet dahlet f'relazzjoni extra matrimonjali stabbli ma' ragel iehor u li minn din ir-relazzjoni twieldet il-konvenuta VX fil-25 ta' Gunju 1991. L-istess konvenuta CX tikkonferma li, avolja r-relazzjoni extra-matrimonjali bdiet matul il-konvivenza taghha ma' zewgha, r-relazzjoni mar-ragel l-iehor kienet wahda esklussiva. Ghalhekk taqbel lit-tifla mhijiex tal-attur.

Illi r-rizultanzi tat-testijiet xjentifici jissufragaw it-tezi tal-attur.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talbiet tal-attur; u tiddikjara li l-attur mhuwiex il-missier bijologiku tal-konvenuta VX li twieled fil-25 ta' Gunju 1991.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenuta CX.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------